MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Numru 54/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Hiran Araujo**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 54 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Hiran Araujo li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-ewwel kap tal-att tal-Akkuza:
Fid-19 ta' April 2008, l-akkuzat Hiran Araujo gie Malta ghall-habta tas-1:00pm permezz ta titjira AZ 886 minn Ruma. Huwa gie imwaqqaf mill-pulziija kif assistiti minn ufficjali tad-dwana u wara li saret tfittxija fil-bagalji tieghu ittiehed l-isptar Mater Dei sabiex jittiehidlu x-ray. Minn dan l-x-ray irrizulta li l-akkuzat f'istonku tieghu kien

qieghed iggor ammont sostanzjali ta' kapsoli. F'dawn il-kapsoli instabet sostanza allegatment droga.
Illi din is-sustanza giet annalizata minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li din is-sustanza kienet droga kokaina ta' purita` medja ta' medja 38%. Bhala ammont irrizulta ukoll li kien hemm 337.8grammi u l-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din il-droga perikoluza kien jammonta is-somma minn €23 646 sa €34 793.

Illi l-akkuzat Hiran Araujo xi gimghat jew xhur qabel gie Malta fid-19 ta' April 2008, xjentement assocja ruhu ma persuni ohra barra minn Malta w ikkombina l-mezzi tieghu ma ta' dawn il-persuni sabiex b'hekk ikun jista' imexxi u jimporta illegalment id-droga f'Malta.

Illi fil-fatt l-akkuzat Hiran Araujo ftiehem ma dawn il-persuni sabiex jigi Malta u jimporta d-droga kokaina. Ftehmu li sabiex jsir dan terzi persuni kellhom jipprovdu d-droga u l-itinerarju tal-vjagg ta' l-akkuzat mill-Brazil ghal Malta. Ftehmu ukoll li l-akkuzat kellu jaghmel passaport sabiex ikun jista' isierfer barra l-pajjiz u kellu jibla u jgorr din d-droga fl-istonku tieghu permezz ta' numru ta' kapsoli. Mal-wasla tieghu gewwa Malta ftehmu li l-akkuzat kellu imur gol-Hotel Roma u hemmhekk jistenna terza persuna ohra taghmel kuntatt mieghu sabiex tibgor id-droga kokaina minghandu.

Illi in esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fl-19 ta' April 2008 l-akkuzat Hiran Araujo gie Malta permezz ta' titjira Az886 minn Ruma u mohbija gewwa l-istonku tieghu kellu 337.8grammi droga kokaina. Fortunatament din il-kunsinna kbira ta' droga kokaina giet maqbuda mill-Pulizija mal-wasla taghha Malta gewwa l-ajruport ta' Malta.

Illi id-droga kokaina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hiran Araujo sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra

minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromowova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq msemmi akkuza lill-imsemmi Hiran Araujo hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer (kokaina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tieni kap tal-att tal-Akkuza:
Illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza u cioe' fid-19 ta' April 2008 l-akkuzat **Hiran Araujo** gie Malta ghall-habta tas-1:00pm permezz ta titjira AZ 886 minn Ruma. Illi wara li sarlu x'ray gewwa l-isptar Mater Dei rrizulta li mohbija gewwa l-istonku tieghu kellu d-droga. Saru t-testijiet medici mehtiega u gie ikkonfermat li l-akkuzat kien qieghed igorr u jimporta d-droga kokaina gewwa Malta.

Dan it-trab gie annalizat minn espert imqabbad mill-Qorti u irrizulta l-ammont ta kokaina kien ta' 337.8grammi ta' purita medja ta' 38%. Il-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din il-droga perikoluza kien jammonta s-somma minn €23 646 sa €34 793.

Illi d-droga kokaina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hiran Araujo sar hati talli importa jew esporta jew gieghel li tigi importata jew esportata, jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata jew esportata medicina perikoluza (Kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Hiran Araujo, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fil-regolament 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici

Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tielet kap tal-att tal-Akkuza:
Illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u cioe` fid-19 ta’ April 2008 l-akkuzat Hiran Araujo gie Malta ghall-habta tas-1:00pm permezz ta titjira AZ 886 minn Ruma. Illi mohbija fl-istonku tieghu instab 337.8grammi ta’ purita medja ta’ 38%. Il-prezz tal-bejgh bl-imnut ta’ din il-droga perikoluza kien jammonta is-somma minn €23 646 sa €34 793.

Illi d-droga kokaina hija droga specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi Hiran Araujo ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta’ Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Hiran Araujo sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b’dan li r-reat kien wiehed taht

tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Hiran Araujo hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kien bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin euro u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Hiran Araujo, tas-17 ta' Ottubru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal periodu ta' tmien (8) snin flimkien ma multa ta' tlieta w ghoxrin elf

Ewro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta’ htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta’ mobbli w immobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, kif stipulat fir-rikors konguntiv, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453A (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Hiran Araujo ħati talli :

1. fid-19 ta’ April, 2008, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer (kokaina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. fid-19 ta’ April, 2008 importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. fid-19 ta’ April, 2008 kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kien bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-

uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.
Ikkunsidrat,
Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 14(1), 15, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regoli 4(a), 9, 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-hati**, Hiran Araujo** ghall-piena komplessiva ta' **tmien (8) snin prigunerija** flimkien ma multa ta' **tlieta w ghoxrin elf Euro (€ 23,000)**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' tmin mija w erbgha w erbghin Ewro u tlettax il-centezmu **(€844.13),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------